MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Mandat Numru. 397/2009

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 397/09CSH fl-ismijiet**

**Noel Borg u Olimpia nee Theuma illum Borg**

**vs**

**Victor Borg u martu Maria Borg**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrenti fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-dsatax (19) t'Ottubru 2009, permezz ta' liema huma pprezentaw Mandat ta' Inibizzjoni sabiex jikkawtelaw l-kreditu li huma ghandhom kontra l-intimati fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti zzomm lill-intimati milli jbieghu, jnehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu onoruz jew gratwitu xi proprjeta u b'mod

partikolari l-proprjeta numru 2, bl-isem ta’ ‘Victoria’, fi Triq Gaspare Formica, Gharghur ta’ kejl superficjali ta’ 248.2 m2 u li tmiss ma nofsinhar ma Naxxar Road, mill-punent ma Triq Gapare u bin-numri 32 u 33 gewwa Pjazza St. Elena, Birkirkara appartenenti lill-intimati u dana sabiex jigi kawtelat id-dritt tar-rikorrent sabiex jigi rizarcit mill-intimati l-ammont ta’ hdax il-elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin euro centesmu (€11,646.86) flimkien ma spejjez ulterjuri ‘n konessjoni ma kawza li saret kontra l-istess rikorrenti u li llum ghaddiet in gudikat fl-ismijiet ‘St. Georges’ Bay Hotel Ltd vs Noel Borg Cit. Numru 170/07 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-ghaxra (10) ta’ Lulju 2008 per Magistrat Consuelo Scerri Herrera fejn gie deciz illi kellu jinbiegh bis-subbasta l-garaxx numru 9B gewwa Triq Mikelang Borg Hal-Lija, liema proprjeta hija appartenenti lir-rikorrenti u liema proprjeta hu kien xtraha mill-intimati minghajr ebda pizijiet u dana minhabba l-fatt li wara l-biegh irrizulta li kienet baqghet in vigore ipoteka specjali fuq dan l-istess garaxx li kienu ghamlu l-intimati a favur ta’ St. George’s Bay Hotel Ltd fl-ammont ta’ hdax il-elf, sitt mija u sitta u erbghin u sitta u tmenin euro centesmu (€11,646.86) liema ammont r-rikorrenti kellhom ihallsu lis-socjeta St. George’s Bay Hotel Limited minflok ma jinbiegh il-garaxx in kwistjoni.

Rat illi l-intimati kienu debitament notifikati bir-rikors in kwistjoni permezz ta’ riferta posittiva tal-Marixxal Eugenio Mallia datata ghoxrin (20) t’Ottubru 2009 a fol. 2 tal-process.

Illi fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Novembru 2009 l-intimati u l-Avukati difensur taghhom ma dehrux, ghalkemm gew imsejjha diversi drabi.

Semghet lil Frankie Mercieca, Direttur tal-Qorti Civili jixhed fis-seduta ta’ llum s-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Novembru 2009 u jikkonferma li l-intimati ma pprezentaw l-ebda risposta ghat-talba rikorrenti.

Semghet li l-Avukat difensur tar-rikorrenti jikkonferma li huwa m' ircieva l-ebda risposta minghand l-intimati.

Rat ghalhekk li ma hemm l-ebda kontestazzjoni mill-intimati ghat-talba rikorrenti.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat it-talba rikorrenti hija gustifikata u d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tar-rikorrenti timmerita konferma.**

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa t-talba rikorrenti ghar-ragunijiet indikati fil-Mandat ta' Inibizzjoni numru 397/09CSH fl-ismijiet premessi.**

**Bl-ispejjes kontra l-intimati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------